MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 584/2009

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**Leonid Sammut (K.I. 237971M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna talkonvenuta ghall-hlas ta' tlett mija u tlettin ewro, u tlieta u ghoxrin ewro centezmu (€330.23) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lis-Socjeta attrici Plc in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 2148 5886 skont kif jirrizulta mill-anness dokument mat-talba mmarkat Dok A.

Illi l- konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe' mid-9 ta'Lulju, 2007 kontra l-konvenut u li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young fil-15 ta’ Jannar, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------